MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2013

Numru 869/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Josette Stewart**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputata, detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 500679(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer f'Novembru 2011

1. Bil-hsieb li taghmel qligh b'qerq ghad-dannu ta' Christian Cardona, wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha;
2. U iktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz mill-obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew ffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazjzonijiet jew fatti, illi dan l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. U iktar talli, malli saret taf li xi haga li kienet fil-pussess taghha kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqset li tgharraf lill-pulizija b'dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta saret taf;
4. U iktar talli fethet b'ghemil doluz jew gieghlet li jinfetah xi oggett postali li kellu jigi kunsinnat, jew b'ghemil doluz ghamlet xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oggett postali ma thallietx ssir jew tigi mdewwma milli ssir, jew kkomunikat jew ghamlet uzu minn informazzjoni li kisbet minn oggett postali li kien gie hekk miftuh

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, tiddikjaraha u ssibha hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha;

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 183, 84, 334A, 532A, 532B u 17 tal-Kap 9;

Hadet nota tac-cirkostanzi attinenti ghall-kaz u l-attenwanti generici;

Tiddeciedi li tilliberha bl-Applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------